**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ONOR. MAĠISTRAT LARA LANFRANCO MA Law (Melit), B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

(Spet. Omar Zammit)

Vs

Giuseppe Iabichella

Illum it-13 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Giuseppe Iabichella ta' ta' 46 sena, iben Rosario u Angela xebba Frontere imwieled l-Italja nhar 01 ta' april 1977, detentur tal-karta ta' identita 161036A u residenti fil-fond 194, Sunny Hills, FL 8, Triq Patri Guze Delia, Mosta u/jew Wonderland, Triq D. Famucelli, Swieqi li tressaq taħt arrest nhar it-18 ta' Ottubru 2023 akkużat talli nhar 16 ta' Ottubru 2023 ghall-habta bejn 01:00hrs u 04:00hrs gewwa Santa Venera jew fil-vicinanzi.

1) Kkawza lil Simona Privitera, (konjuga tieghu) biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha u dan lahaq il-mira tieghu, u dan bi ksur ta' artikoli 251(3), 251H(a); 251HA tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

2) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Simona Privitera, (konjuga tieghu), f'periklu car, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Simona Privitera u cioe ferita ta' natura hafifa kif ccertifikata minn Dr. Abigail Pisani Med Reg 4420 u dan bi ksur ta' artikoli 214; 221(1); 222(1)(a); 222A(7) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

3) Ghamel injurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali lil Simona Privitera, jew, jekk kont provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' artikoli 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Giuseppe Iabichella ghall-beneficcju ta' Simona Privitera u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tallil f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Simona Privitera u f'kaz ta' htija ma kull piena oħra li l-Qorti jidrilha xierqa. In oltre l-Qorti

ġiet ukoll mitluba sabiex tapplika ordni ta' trattament u dan ai termini ta' artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflinġġi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha eżebiti mill-prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri in sostenn tal-imputazzjonijiet.

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali datat it-18 ta' Ottubru 2023 fejn ġie awtorizzat li dawn il-proċeduri jinstemgħu sommarjament.

Rat illi konsegwentement din il-Qorti kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali minn waħda Struttorja.

Semgħet xi uħud mill-provi tal-prosekuzzjoni fosthom il-parte ċivile fil-kawża odjerna.

Rat sussegwentement illi matul is-seduta datata it-13 ta' Novembru 2023 l-imputat iddeċieda li jirreġistra ammissjoni inkondizzjonata quddiem din il-Qorti kif ippreseduta fejn wara li din il-Qorti spjegat ir-riperkussjonijiet ta' din l-ammissjoni u wara li tat wkoll żmien xieraq sabiex jirrikonsidra din l-ammissjoni, hu tenna l-istess.

Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni finali dwar il-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni magħmula mill-akkużat seduta stante liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-ġdid minnu matul l-istess seduta, din il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu.

Illi għal dak li jirrigwarda l-piena konċernanti l-akkużat, din il-Qorti qieset l-ammissjoni relattivament bikrija tal-imputat għal dawn l-imputazzjoni u dan b'mod inkondizzjonat, in-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-fedina penali tal-imputat kif ukoll dak li ġie ttrattat, inkluż ir-rakomandazzjoni tal-partijiet illi l-imputat jingħata għajnuna sabiex jikkontrolla r-rabbja tiegħu kif ukoll sabiex jirrikonoxxi l-estent ta' għemilu bit-tama li dan ma jerġax jirrepeti dan l-aġir il-quddiem.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 251(3), 251H(a0, 251HA, 214, 221(1), 222(10(a), 222A(7), 339(1)(e), 17 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta:

**Qed issib illi imputat Giuseppe Iabichella <u>ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu</u> u konsegwentement wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt ordni ta' probation għall-perijodu ta' tlett snin (3) millum u dan skond il-kundizzjonijiet annessi ma din is-sentenza.**

**In oltre wara li din il-Qorti rat l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qedgħa tqiegħed ukoll lill-imputat taħt ordni ta' Trattament għal żmien tlett snin (3) u dan skond il-kundizzjonijiet kollha li jinstabu annessi ma din is-sentenza.**

**Di piu din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' trazzin għall-perijodu ta' ħames (5) snin millum favur il-parte ċivile Simona Privitera kif ukoll ta' uliedha u ċioe' Stefano Iabichella, Lorenzo Iabichella u Roberto Iabichella u dan skond il-kundizzjonijiet kollha li jinstabu annessi ma din is-sentenza.**

**Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħlas tal-ispejjeż peritali mill-imputat favur l-espert maħtur Dr. Mario Scerri, fl-ammont ta' erbat mija u seba' u sitting Euro u sebgħin ċenteżmu (€467.10).**

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-ħati f'lingwa li fehma bl-assitenza tal-Interpretu li da parti tiegħu kkonferma li fehem l-istess.

**DR. LARA LANFRANCO**

**Maġistrat** **Deputat Reġistratur**